MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 418/2010

**GO plc C-22334**
**Vs**
**Tania Fenech ID-465370 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu 2010, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,538.28c (elf, hames mija u tmienja u tletin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi tat-telephone li jgibu n-numri 21809691 (CN 1023233 – AC 10041719) u 21663626 u 1425036243 u 1425036244 (AC 40085788) kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A, B,C,D u E.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta' l-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-

gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro1,538.28c (elf, hames mija u tmienja u tletin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------